**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Ottubru 2022**

**Rikors nru: 47/2020 AGV**

GC

Vs

AC

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit- 23 ta' Mejju 2022 minn GC li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-**

Illi dar-rikors huwa rikors ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet;

**Tesponi bir-rispett :**

Illi l-kontedenti zzewggu fil-21 ta' Gunju 2003 u minn daz-zwieg kellhom tlett ulied, L L , li twieled fl- 14 ta Awwissu 2004, M li twieldet fit- 12 ta' Ottubru

2008 u KL li twieldet fil- 18 ta' April 2015- (vide certifikat taz-zwieg hawn anness mmarkat bhala Dok. A);

Illi mill-imsemmija data taz-zwieg taghhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal- artikolu 1316 (1) tal-Kodici Civili;

Illi iz-zwieg tal-partijiet, sfaxxa u huma qed jghixu hajja totalment separata minn xulxin, u dan l-aktar minhabba l-vizzju ta' droga tal-intimat u d-dejn li ghamel in konnessjoni mieghu, fost ohrajn. Illi minhabba f 'hekk. l-esponenti tibza' li l-konvenut jista jibqa' jaghmel jew ikompli jaghmel id-dejn fuq il-komunjoni;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto, minn Mejju 2019 y, u l-esponenti tixtieq tibni hajja ghal rasha izda dan ma jistax isehh, stante li ghad hemm il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet;

Illi tali terminazzjoni, tal-istess komunjoni tal-akkwisti, ghandu jgib beneficcju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma taghmel dejn li tigi attribwita lil komunjoni, kif filfatt kien anka jigri fil-passat , izda ukoll tkun tghin sabiex l-esponenti , tirriakkwista id-dritt li taghmel l-atti kollha tal-hajja civili, u kummercjali, u dana minghajr il-htiega tal-kunsens u jew l-apporvazzjoni u / jew l-intervent tal-parti l-ohra;

Illi l-esponenti titlob li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-kodici civili, b' dan li m' hu ser jinholoq ebda pregudizzju mhux proprozjonat ghall-intimat. Illi filfatt tali pregudizzju , ser jinholoq jekk il-komunjoni tal-akkwisti , tibqa' ezistenti bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant in vista tas-seuspost, l-esponenti titlob bir-rispett lil dil-Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili;

2. Tawtorizza lil partijiet sabiex jirregistraw fir-registru Pubbliku ta' Malta l-evenatwali sentenza moghtija minn dil-Onorabbli Qorti.

Salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opprtun.

Rat li l-intimat ta ruhu b'notifikat bir-rikors fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022, izda naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu moghti lilu.

Rat li, ghalhekk, il-Qorti fehmet li ma hemmx opposizzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, u l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza in parte.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili;
2. Tawtorizza lil partijiet sabiex jirregistraw fir-registru Pubbliku ta' Malta l-evenatwali sentenza moghtija minn dil-Onorabbli Qorti.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef** **Cettina Gauci – Dep Reg**